Minuti tal-Laqgħa 51 (kontinwazzjoni) tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 27 ta' Jannar 2011fis-7.00 p.m.

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsillieri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa l-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.00 | 8.25 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.10 | 8.25 |
| Kunsillier Joseph Demartino | Skużat | - |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.10 | 8.25 |
| Kunsillier Dr Shirley Farrugia | skużta | - |
| Kunsillier Marthese Mifsud | skużata | - |
| Kunsillier Paul Agius | skużat | - |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.25 | 8.25 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.20 | 8.25 |
| Kunsillier David Meilak | skużat | - |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | Skużata | - |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Noel Cini kien preżenti għal-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgħa s-Sindku rrefera għall-Ordnijiet Permanenti li jinsabu fis-Sitt Skeda (Artiklu 43) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363), fejn artiklu 2 para 3 fejn jgħid "iżda aktar jekk żewġ laqgħat konsekuttivi tal-Kunisll jiġu aġġornati minħabba nuqqas ta' quorum, il-quorum meħtieġ sabiex isir dak ix-xogħol fil-laqgħa sussegwenti li jmiss għandu jitnaqqas għal ħamsin fil-mija ta' dawk il-membr li jkunu fil-kariga, u li ma jkunux impediti milli jattendu minħabba f' intress konfiġġenti. Jekk jiġri li dak l-għadd imnaqqas għall-quorum ma jkunx numru sħiħ, il-quorum jiġi mnaqqas għall-ogħla numru sħiħ taħt il-ħamsin fil-mija li għandu mill-anqas ikun ta' żewġ membri".

## 1.00 Materji Finanzjarji

1.01 Il-Kunsillieri ddiskutew il-Quarterly Report kif ukoll il-Financial Statements għall-perjodu li kien jagħlaq fil-31 ta' Settembru 2010. Dawn iż-żewġ rapporti kien tqassmu mal-aġenda. Is-Sindku qal li l-financial indicator għal dan il-pejodu jidher li qiegħed -6.87. Qal li dan jidher hekk minħabba l-fatt li hemm imdaħħlin ħlasijiet li diġa` saru, u li suppost isiru fl-aħħar tlett xhur tas-sena finanzjarja. Is-Sindku talab għall-approvazzjoni ta' dawn iż-żewġ rapporti, liema rapporti kien approvat unanimament.

1.02 Il-Kunsill approva wkoll lista ta' pagamenti urġenti li jammontaw għal ewro 13,328.59 u lista oħra ta' ħlasijiet li tammonta għal ewro 52,437.21

1.03 Il-Kunsill wara li ħa inkonsderazzjoni l-ittra mibgħuta mill-Monitoring Unit tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ċertu nfieq tal-kunsill, approva wkoll il-ħlasijiet kollha dovuti b' konnessjoni mal-Mosta Dome Festival li jammontaw għal ewro 1,724.22 u 7,913.62 kif ukoll l-ammont ta' ewro 2,534.01.

1.04 Fuq talba tal-Kunsillier Grech, il-Kunisll approva wkoll il-ħlas ta' ewro 533.83 dovut lil Eurotest Ltd dwar xogħol ta' testing li sar fuq xi materjal, u ħlasijiet oħra dovuti lill-Koptasin għal xogħol ta' tabelli u sinjali li dawn kienu għamlu fil-lokalita`.

1.05 Is-Sindku talab ukoll li jsir ħlas ta' madwar ewro 20,000 li huwa parti mill-ħlas dovut lill-kumpanija Ell's għal xogħol ta' patching li sar. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ser iħallas dan l-ammont jekk il-kontijiet huma ċertifikati mill-perit tal-kunsill.

1.06 Il-Kunisll approva wkoll il-ħlas li jammonta għal ewro 4,526.44 mibgħut mill-kumpanija Alberta dwar l-istallazzjoni tal-pannelli fotovoltaiċi li twaħħlu fuq il-bejt tal-Kunsill.

1.07 B' konnessjoni mal-ħruġ tal-fuljett ta' Diċembru 2010, "il-Kunsill Tiegħek", il-kunsill approva wkoll ħlas ta' ewro 515.10 li kienet il-kummissjoni mħallsa lis-sinjura Marvic Brincat, u ħlas ieħor ta' ewro 500.00 dovut lis-Sur Ivan Bartolo.

1.08 Il-Kunsill approva wkoll żewġ ħlasijiet ta' ewro 344.56 (unit għal-librerija) u ewro 40.00 (frames b' konnessjoni mal-Gnien tal-Għarusa tal-Mosta) lil Mark's Design Frames and Cottage Crafts tal-Mosta.

1.09 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni ta' erba' invoices ta' Gino Galea dwar xogħol ta' fotografija li kien għamel fl-2009 u fl-2010 u li kienu jammontaw għal ewro 1,019.05. Il-Kunsill approva l-ħlasijiet ta' dawn il-kontijiet. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsill li qabel jagħmel dawn il-ħlasijiet kien ser jiċċekkja ta' liema attivitajet kienu, u jekk dawn kienux forsi diġa` tħallsu, u dan minħabba li dawn kienu ilhom ftit.

1.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm stima ta' ewro 1,032.50 u li kien datat Mejju 2009 dwar xogħol ta' video li kien sar b' konnessjoni mal-website. Hu talab l-approvazzjoni sabiex ikun jista' jsir il-ħlas dovut lil Noel Photo Studio. Il-Viċi Sindku qalet li din l-ispiża suppost kellha tiġi koperta bi sponsorship biss jidher li dan l-isponsorship ma wasalx. Il-Kunsill approva dan l-ħlas. L-Aġent Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li dan jitħallas jekk jiġi provdut invoice, u dan minħabba li hu ma setax iħallas fuq quotation.

**2.00 Tender dwar Knis tat-Toroq – kontinwazzjoni u**

**3.00 Tender dwar Xogħol ta' Patching ta' Toroq - kontinwazzjoni**

3.01 Dwar in-nuqqas ta' xi dokumenti b' konnessjoni ma' dawn iż-żewġ offerti (item 2 u 3), kienet intalbet id-direzzjoni tad-dipartiemnt fejn dan kien "tal-fehma li l-offerenti għandhom jintalbu jipproduċuhom qabel mal-bord jgħaddi għall-aġġudikazzjoni, u dan sakemm (1) il-kontenut tagħhom ma jbiddlux il-kompetittivita`; u (2) sakemm id-dokumeti prodotti m jkunux biddlu n-natura tat-tender fil-perjodu ta' l-iskadenza."

3.02 Hawn saret diskussjoni dwar dak li kien qed jissuġġerixxi d-dipartiment. Is-Sindku qal li kien jippreferi li jkollu risposta aktar ċara jigifieri iva jew le, dwar x' kellu jagħmel il-Kunsill u dan minħabba l-fatt li l-offerenti kellhom il-possibilta` li jieħdu passi legali kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Grech qal r-risposta tad-Dipatiment kienet ċara biżżejjed u għalhekk l-Kunsill kellu joqgħod fuqha. Hawn żvolġiet diskussjoni u fuq insistenza tal-Kunsillier Grech u tal-Vici Sindku, kien hemm qbil fejn l-offerenti kellhom jintalbu sabiex jipproduċu d-dokumenti li kellhom neqsin, u dan qabel ma jiġu aġġudikati l-offerti.

**4.00 Affarijiet Oħra**

4.01 Is-Sindku qal li minħabba li l-Kunsill kellu għadd ta' xogħol b' konnessjoni ma' ħruġ ta' tenders, kien qed jissuġġerixxi li l-kuntratti taż-żewġ handymen li kellu miegħu l-Kunisll, u li kienu ser jiskadu fi Frar li ġej, għandhom jiġu estiżi bi tlett xhur, u dan sabiex ikun hemm aktar żmien sabiex dawn jiġu preparati u maħruġa. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment.

4.02 Il-Viċi Sindku talbet lill-Kunsill sabiex tinkiteb ittra lill-kumpaniji tal-GO, tal-Melita u Tal-Vodafone, u dan minħabba li residenti li joqgħodu fiż-żona taż-Zokrija qed ikollhom ir-reception tal-internet batuta, sabiex jekk possibbli jiġi stallat xi forma ta' repeater u dan sabiex tiġi msaħħa r-reception.

4.03 Il-Kunsillier Grech talab għall-approvazzjoni sabiex isiru tabelli u xi road markings fi Triq il-Manwella u fi Triq San Paċifiku. Dawn ġew approvati minn dawk preżenti.

4.04 Il-Kunsill ukoll qabel li għandu jagħmel l-istickers b' konnessjoni mal-controlled parking li hemm fil-lokalita`.

4.05 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrakkomanda li l-impjegati klerikali tal-Kunsill jingħataw il-performance bonus sħieħ – jigifieri 6%, u dan minħabba li dawn qed jagħmlu l-għalmu kollu tagħhom sabiex ix-xogħol tal-kunsill, minkejja d-diffikultajiet u nuqqas ta' staff, jimxi `l quddiem. Il-Kunsill approva li l-performance bonus tal-impjetati klerikali jingħata full, skond ir-rakkomandazzjoni tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

4.06 Is-Sindku qal li qed jipproponi li l-Aġent Segretarju Eżekuttv jingħata l-performance bonus sħieħ u dan minħabba l-fatt li dan wera l-abbiltajiet u l-effiċjenza tiegħu fix-xhur kemm ilu jagħti s-servizzi tiegħu lill-Kunsill. Dawk preżenti qablu li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jingħata l-performance bonus sħieħ.

4.07 Il-Kunisllier Fenech qalet li kellha talba sabiex issir attivita` ta' abseiling mill-Mosta Rover Crew (Mosta Scouts Group) fl-20 ta' Frar li ġej fiż-żona tal-pont fil-Wied tal-Mosta. Il-Kunsill għalkemm qabel li ma għandu ebda oġġezzjoni li ssir din l-attivita` qal li dawn għandhom jintalbu sabiex iġibu l-permessi meħtieġa mill-pulizija dwar din l-attivita`, sabiex ma jagħmlux ħsara fiż-żona fejn ser issir din l-attivita`, u sabiex iħallu l-area nadifa wara l-attivita`.

4.08 Is-Sindku qal li kien hemm talba mill-Avukat Patrick Vella sabex isir reserved parking space quddiem ir-residenza tiegħu, u dan minħabba atti ta' vandaliżmu li qed iseħħu fuq il-vettura tiegħu. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lill-MT dwar din it-talba.

4.09 Saret talba għall-approvazzjoni ta' stima li kienet tammonta għal ewro 247.80 dwar xiri ta' liċenza tas-Sage Pastel, u dan sabiex l-accountant il-ġdid tal-kunsill ikun jista' jagħmel l-imputting tad-data. Din l-istima ġiet approvata minn dawk preżenti u l-Aġent Segretarju kien inkarigat sabiex jieħu l-passi mmedjati sabiex isir dan ix-xiri, u dan sabiex ix-xogħol tal-accounts ma jaqgħux lura, u dan minħabba li wasal sabiex jinbeda l-awditjar tal-operat tal-Kunsill għas-sena finanzjarja li għalqet fl-31 ta' Diċembru 2010.

4.10 Il-Kunsill approva wkoll spiża ta' ewro 580.16 sabiex jitwaħħal arblu ta' bozza fi Triq Antonio Meruzzi kantuniera ma' Vjal l-Indipendenza. Din il-bozza kienet approvata waqt il-laqgħa li kienet saret fil-21 ta' Ottubru 2010.

4.11 Il-Kunsill approva wkoll stima ta' ewro 2,607.80 dwar xogħol ta' manutenzjoni tal-lift li jinsab fiċ-ċentru ċiviku u qabel ukoll li għandha tinkiteb ittra lill-Ministeru tas-Saħħa sabiex dawn jibdew jagħmlu tajjeb għal parti minn din l-ispiża, u dan minħabba li l-lift jintuża ħafna drabi mill-pubbliku li jagħmel użu miċ-ċentru tas-saħħa.

**5.00 Aggornament**

5.01 Minħabba li l-items kollha tal-laqgħa kienu kollha eżawriti, il-laqgħa ntemmet. Is-Sindku għarraf li d-data u l-ħin tal-laqgħa li jmiss kellhom jiġu komunikati lill-kunsillieri aktar `il quddiem.

Il-laqgħa spiċċat fi t-8.25p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Noel Cini
Aġent Segretarju Eżekuttiv